IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 16.12.2025
COM(2025) 999 final

2025/0424 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 92/6/KEE biex teżenta ċerti vetturi elettriċi N2 mir-rekwiżit li jinstallaw u jużaw apparat li jillimita l-veloċità

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Għall-kuntest usa', ara COM (2025) 993 final.

Din l-inizjattiva tifforma parti minn pakkett ta' miżuri li għandhom l-għan li jneħħu l-ostakli regolatorji għall-użu ta' vetturi kummerċjali ħfief elettriċi.

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/6/KEE[1] tobbliga l-installazzjoni u l-użu ta' apparat li jillimita l-veloċità f'ċerti vetturi heavy-duty għal raġunijiet ta' sikurezza fit-toroq (il-qawwa tal-magna disponibbli għal vetturi tqal tal-merkanzija u karozzi tal-linja meħtieġa biex jitilgħu t-tlajja' tippermettilhom li f'toroq invell jinstaqu b'veloċitajiet eċċessivi li mhumiex kompatibbli mal-ispeċifikazzjonijiet ta' komponenti oħra ta' dawk il-vetturi bħall-brejkijiet u t-tajers) u għal raġunijiet ta' protezzjoni ambjentali f'ċerti Stati Membri. Id-Direttiva 2002/85/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] estendiet il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 92/6/KEE għall-vetturi N2, N3, M2 u M3 kollha. F'konformità mal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 92/6/KEE, "il-vetturi bil-mutur tal-kategoriji N2 u N3 jistgħu jintużaw fit-triq biss jekk mgħammra b'apparat li jillimita l-veloċità magħmul b'tali mod li l-veloċità tagħhom ma tkunx tista' taqbeż id-90 kilometru fis-siegħa."

B'riżultat tal-piż tal-batterija tagħhom, il-vetturi kummerċjali ħfief elettriċi (vannijiet elettriċi) huma itqal mill-ekwivalenti ta' fjuwils fossili tagħhom. Filwaqt li għandhom l-istess tagħbija utli u każijiet ta' użu bħal vettura kummerċjali ħafifa b'magna ta' kombustjoni interna b'massa massima permissibbli ta' inqas minn 3,5 tunnellati, minħabba l-piż addizzjonali tal-batterija dawn jaqgħu fil-kategorija N2 u għalhekk fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni li tirrikjedi l-installazzjoni ta' apparat li jillimita l-veloċità — ir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] u d-Direttiva 92/6/KEE.

Dan ir-rekwiżit inaqqas l-attrazzjoni tal-vannijiet elettriċi b'massa li taqbeż it-3,5 tunnellati għall-klijenti, li ħafna minnhom huma SMEs u mikrointrapriżi, minħabba l-kostijiet involuti fl-installazzjoni u l-użu tal-apparat li jillimita l-veloċità. Tali piż addizzjonali jnaqqas iż-żieda fl-għadd ta' vannijiet elettriċi fit-triq meta mqabbel ma' vannijiet simili b'magna tal-kombustjoni, li għalhekk jista' jirriżulta wkoll f'diffikultà akbar għall-manifatturi tal-vetturi biex jilħqu l-miri ta' prestazzjoni tas-CO_2 għall-vetturi kummerċjali ħfief.

Ir-Regolament (UE) 2019/2144 huwa emendat fi proposta leġiżlattiva parallela (li tinsab f'COM (2025) 993 final) li fiha l-vannijiet elettriċi N2 b'massa massima permissibbli li taqbeż it-3,5 tunnellati u sa 4,25 tunnellati huma eżentati mill-obbligu li jkunu mgħammra b'apparati li jillimitaw il-veloċità, u b'hekk jitqiegħdu fuq l-istess livell mal-ekwivalenti ta' fjuwils fossili tagħhom, il-vannijiet tad-diżil N1. L-emenda tar-Regolament (UE) 2019/2144 ma jkollha l-ebda effett jekk il-vetturi kkonċernati — li huma vetturi N2 — ma jkunux jistgħu jintużaw fit-triq minħabba li ma jkunux mgħammra b'apparat li jillimita l-veloċità. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi modifikat l-Artikolu 3 tad-Direttiva 92/6/KEE li bħalissa jirrikjedi li l-vetturi N2 (u N3) kollha jistgħu jintużaw fit-triq biss jekk ikunu mgħammra b'apparat li jillimita l-veloċità. Id-Direttiva jenħtieġ li tipprevedi deroga simili sabiex il-vetturi kkonċernati jkunu jistgħu jintużaw fit-triq ukoll mingħajr apparat li jillimita l-veloċità.

---

1 ĠU L 57, 2.3.1992, p. 27. ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/1992/6/oj
2 ĠU L 327, 4.12.2002, p. 8. ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2002/85/oj
3 ĠU L 325, 16.12.2019, p. 1. ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2019/2144/oj

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Din l-inizjattiva hija konsistenti mal-politika komuni tat-trasport li tippromwovi d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport u tappoġġa l-adozzjoni mifruxa ta' vetturi b'emissjonijiet baxxi u żero[4]. Il-politika dwar is-sikurezza fit-toroq għandha l-għan li tnaqqas l-għadd ta' fatalitajiet u ta' korrimenti serji fit-toroq tal-Unjoni b'50 % bejn l-2020 u l-2030 u li sal-2050 ġġib dawn in-numri qrib iż-żero[5]. Il-permess tal-użu ta' vannijiet elettriċi b'massa massima awtorizzata li taqbeż it-3,5 tunnellati iżda li ma taqbiżx l-4,25 tunnellati fit-triq mingħajr ma jkunu mgħammra b'apparat li jillimita l-veloċità mhuwiex mistenni li jkun inkonsistenti ma' dik il-politika tas-sikurezza fit-toroq, peress li l-vetturi moderni huma mgħammra b'firxa ta' sistemi avvanzati ta' assistenza għas-sewwieq, inklużi sistemi ta' assistenza intelliġenti tal-veloċità, li ma kinux jeżistu meta l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 92/6/KEE ġie estiż għall-vetturi N2 fl-2002.

F'dan il-kuntest jenħtieġ li jiġi nnutat li sakemm ma jkunux misjuqa minn sewwieqa professjonali b'liċenzja tal-kategorija C jew C1, il-vannijiet elettriċi kkonċernati jistgħu jinstaqu biss minn sewwieqa b'esperjenza: F'konformità mal-Artikolu 6(4)(c) tad-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6], l-Istati Membri jistgħu jippermettu lid-detenturi ta' liċenzja tal-kategorija B isuqu vetturi tal-merkanzija li jaħdmu bi fjuwil alternattiv b'massa massima awtorizzata li taqbeż it-3,5 tunnellati iżda li ma taqbiżx l-4,25 tunnellati fit-territorji rispettivi tagħhom biss jekk il-liċenzja tagħhom tkun inħarġet mill-inqas sentejn qabel. Fir-raba' Direttiva dwar il-Liċenzji tas-Sewqan[7] adottata reċentement, din l-għażla saret dispożizzjoni obbligatorja għall-Unjoni kollha li ġiet estiża għal vetturi oħra flimkien ma' vetturi tal-merkanzija u li għandha tapplika mis-26 ta' Novembru 2027. It-trattament ta' vetturi N2 li jaħdmu bi fjuwil alternattiv, bħal vannijiet elettriċi, b'massa massima awtorizzata li taqbeż it-3,5 tunnellati iżda mhux l-4,25 tunnellati b'mod daqslikieku kienu vetturi N1 huwa konsistenti ma' din il-politika.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta hija parti minn pakkett ta' miżuri dwar il-kompetittività tal-industrija awtomobilistika Ewropea. Għandha l-għan li tnaqqas il-kostijiet amministrattivi u ta' aġġustament għall-industriji biex tiżgura suq uniku li jiffunzjona tajjeb għall-vetturi bil-mutur, filwaqt li żżomm il-livell għoli ta' sikurezza u prestazzjoni ambjentali stabbilit fil-qafas regolatorju.

Ir-Regolament (UE) 2019/2144 jirrikjedi li l-vetturi tal-kategoriji M2, M3, N2 u N3 ikunu mgħammra b'apparat li jillimita l-veloċità li jikkonforma mar-Regolament tan-NU Nru 89. Peress li l-vetturi N2 li jaħdmu bl-elettriku, b'massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ta' bejn 3,5 u 4,25 tunnellati, qed jiġu eżentati minn dak ir-rekwiżit fi proċedura leġiżlattiva parallela (ara COM (2025) 993 final), l-istess vetturi jenħtieġ li jiġu eżentati mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 92/6/KEE biex jippermettu l-użu tagħhom fit-triq mingħajr apparat li jillimita l-veloċità. Din id-Direttiva għalhekk tiżgura l-konsistenza mal-proposta biex jiġi mmodifikat ir-Regolament (UE) 2019/2144.

---

4 Cf. COM (2020) 789: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A52020DC0789

5 Cf. Mobbiltà sostenibbli għall-Ewropa: sikura, konnessa u nadifa. COM(2018) 293 final; https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A52018DC0293

6 ĠU L 403, 30.12.2006, p. 18. ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2006/126/oj

7 ĠU L 2025/2205, 5.11.2025. ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2025/2205/oj

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Il-bażi legali għal din id-Direttiva hija l-Artikolu 91(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-UE tikkondividi l-kompetenza mal-Istati Membri biex tirregola fil-qasam tat-trasport skont l-Artikolu 4(2)(g) tat-TFUE. Peress li l-vetturi bil-mutur qed jintużaw dejjem aktar bejn il-fruntieri, qafas legali uniformi jnaqqas il-kostijiet tal-konformità u tal-infurzar madwar l-Unjoni. Id-Direttiva 92/6/KEE diġà tipprovdi qafas komuni għall-installazzjoni u l-użu ta' apparat li jillimita l-veloċità għal ċerti kategoriji ta' vetturi bil-mutur fl-Unjoni. L-emendar ta' dik id-Direttiva jista' jsir biss fil-livell tal-Unjoni.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-emendi għar-Regolament (UE) 2019/2144 li qed jiġu proposti b'mod parallel (ara COM (2025) 993 final).

- **Għażla tal-istrument**

Peress li l-att li jrid jiġi emendat huwa Direttiva, fil-prinċipju jenħtieġ li l-att emendatorju jkollu l-istess forma.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Ara COM(2025) 993 final.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Ara COM(2025) 993 final.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Ara COM(2025) 993 final.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Ara COM(2025) 993 final.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Ara COM(2025) 993 final.

- **Drittijiet fundamentali**

Din il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[8] u taderixxi mal-prinċipji rikonoxxuti fiha.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din l-inizjattiva ma hi se timplika l-ebda kost addizzjonali għall-Kummissjoni.

[8] ĠU C 326, 26.10.2012, p. 391, ELI: http://data.europa.eu/eli/treaty/char_2012/oj

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Din il-proposta ma tirrikjedix pjan ta' implimentazzjoni. Il-Kummissjoni se timmonitorja t-traspożizzjoni l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjoni l-ġdida u l-konformità magħha.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Artikolu 1 Emendi tad-Direttiva 92/6/KEE

Dan l-Artikolu jissostitwixxi l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 92/6/KEE. Il-vetturi tal-kategorija N2 li jaħdmu bl-elettriku u b'massa massima permissibbli ta' bejn 3,5 u 4,25 tunnellati huma eżentati mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni. Għal raġunijiet ta' ċarezza, il-paragrafu kollu huwa sostitwit.

Artikolu 2 Traspożizzjoni

L-Istati Membri għandhom [tliet xhur mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament ibbażat fuq COM (2025) 993 final] biex jittrasponu din id-dispożizzjoni l-ġdida fil-liġi nazzjonali rispettiva tagħhom.

Ma żdiedet l-ebda dikjarazzjoni finanzjarja u diġitali leġiżlattiva ma' din il-proposta. Hija koperta mid-dikjarazzjoni korrispondenti meħmuża mal-proposta leġiżlattiva f'COM(2025) 993 final.

2025/0424 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 92/6/KEE biex teżenta ċerti vetturi elettriċi N2 mir-rekwiżit li jinstallaw u jużaw apparat li jillimita l-veloċità

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[9],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[10],

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/6/KEE[11] dwar l-istallazzjoni u l-użu ta' apparat li jillimita l-veloċità għal ċerti kategoriji ta' vetturi tal-mutur jeħtieġ l-istallazzjoni u l-użu ta' apparat li jillimita l-veloċità f'vetturi tal-kategoriji N2 u N3. Skont dak l-Artikolu, tali vetturi jistgħu jintużaw fit-triq biss jekk mgħammra b'apparat li jillimita l-veloċità. Ir-rekwiżit tal-installazzjoni ġie integrat ukoll fil-leġiżlazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi bil-mutur mar-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12].

(2) Il-piż miżjud tal-batterija jista' jwassal biex il-piż tal-vetturi kummerċjali ħfief elettriċi bil-batterija jaqbeż it-3,5 tunnellati. Tali żieda fil-piż tissoġġetta lil dawk il-vetturi għar-rekwiżit ta' apparat li jillimita l-veloċità għalkemm it-tagħbija utli u l-każ ta' użu tagħhom huma l-istess bħal dawk ta' vetturi kummerċjali ħfief b'magna tal-kombustjoni interna li huma barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 92/6/KEE. Dak ir-rekwiżit jimponi kostijiet mhux ġustifikati fuq il-manifatturi tal-vetturi u l-intrapriżi li jixtru tali vetturi, u jnaqqas iż-żieda fl-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief b'emissjonijiet żero fit-triq. Għalhekk huwa xieraq li l-vetturi tal-kategorija N2, li jaħdmu permezz tal-elettriku b'massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ta' bejn 3,5 u 4,25 tunnellati, jiġu eżentati mir-rekwiżit li jkunu mgħammra b'apparat li jillimita l-veloċità.

(3) Ir-Regolament (UE) 2019/2144 huwa emendat b'mod parallel biex jeżenta l-vetturi tal-kategorija N2 li jaħdmu bl-elettriku, b'massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ta' bejn 3,5 u 4,25 tunnellati, mir-rekwiżit li jkunu mgħammra b'apparat li jillimita l-veloċità f'konformità mar-Regolament tan-NU Nru 89.

---

9 ĠU C [...], [...], p. [...]
10 ĠU C [...], [...], p. [...]
11 ĠU L 57, 2.3.1992, p. 27. ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/1992/6/oj
12 ĠU L 325, 16.12.2019, p. 1. ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2019/2144/oj

(4) Għalhekk jenħtieġ li d-Direttiva 92/6/KEE tiġi emendata kif xieraq,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emenda għad-Direttiva 92/6/KEE

L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 92/6/KEE huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jassiguraw li l-vetturi bil-mutur tal-kategoriji N2 u N3, ħlief dawk il-vetturi tal-kategorija N2 li jaħdmu bl-elettriku u b'massa massima permissibbli ta' bejn 3,5 u 4,25 tunnellati, jistgħu jintużaw fit-triq biss jekk mgħammra b'apparat li jillimita l-veloċità magħmul b'tali mod li l-veloċità tagħhom ma tkunx tista' taqbeż id-90 kilometru fis-siegħa.".

Artikolu 2

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard minn [3 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament abbażi ta' COM(2023) 993 final], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

   Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn [L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet ġentilment mitlub idaħħal id-data tal-applikazzjoni tal-emendi tar-Regolament (UE) 2019/2144 f'COM(2023) 993 final].

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tad-dritt nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 4

Id-dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 5

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
[...]	*[...]*